MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2012

Numru. 1188/2012

Il-Pulizija
(Sp Joseph Busuttil)
vs
Fronov Stanimir Georgiev, iben George, imwieled il-Bulgaria fid-9 ta’ Lulju, 1958, karta ta’ l-identita numru 42554A

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fl-10 ta’ Novembru, 2012 għal ħabta tal-10.15 a.m. fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar ikkometta serq ta’ biljetti ta’ l-‘scratch and win’ għall-ammont ta’ iktar minn €232.94 iżda anqas minn €2,330 għad-dannu ta’ Felix Mifsud, liema serq hu aggravate bil-valur.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Novembru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat seraq €300 valur ta’ ‘scratch cards’.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Novwembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mill-lum. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €300 lil Felix Mifsud kumpens tal-‘iscratch cards’ misruqa fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------